

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2161

tas-6 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.
- (3) Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, li jaġixxi f'isem iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir talab estensjoni tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 sas-17 ta' Ottubru 2022, fid-dawl tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.
- (4) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 sas-17 ta' Ottubru 2022 tista' titwettaq mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji .
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fis-17 ta' Ottubru 2022."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. CIGLER KRALJ

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1788 tad-19 ta' Novembru 2018 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 11).